MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2012

Numru. 16/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR JAMES GRECH**
**VS**
**CARMEL HARTLEY**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Carmel Hartley ta’ 40 sena, bin Paul u Mary nee’ Cuschieri, mwieled Pieta’ fl- 10 ta’ Lulju 1971, residenti 4, Marilyn, Triq Gian Nicola Buhagiar, San Gwann u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 346071M;

Talli bejn il- 11 u t- 12 ta’ Frar 2011 gewwa Triq Sant’ Andrija, Swieqi;

1) flimkien ma’ persuni ohra ikkommetta serq ta’ flus kontanti ta’ ammont li jeccedi €2329.37 minn Wembley

Petrol Station, liema serq huwa kkwalifikat bil- vjolenza, bil- mezz, bil- valur li jeccedi €2329.37 u bil- hin ghad- detriment ta' Christopher bonello u/ jew persuni ohra;

2) aktar talli fl- istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli liema ammont ta' hsara ma jiskorrix €1,164.69 imma huwa izjed minn €116.47 ghad- dannu ta' Christopher Bonello u/ jew persuni ohra;

Nhar is- 26 ta' Settembru 2011 ghal habta tal- 5hrs gewwa Triq il- Kanun, Santa Venera;

3) flimkien ma' persuni ohra ikkommetta serq ta' flus kontanti ta' ammont li jeccedi €232.94 izda mhux aktar minn €2329.37, minn Skan Service Station, liema serq huwa kkwalifikat bil- vjolenza, bil- mezz, bil- valur €2329.37 u bil- hin ghad- detriment ta' Saviour Cutajar u/ jew persuni ohra;

4) aktar talli fl- istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli liema ammont ta' hsara ma jiskorrix €1,164.69 imma huwa izjed minn €116.47 ghad- dannu ta' Saviour Cutajar u/ jew persuni ohra;

Nhar is- 6 ta' Ottubru 2011 ghal- habta tal- 5hrs gewwa Triq il- Mosta San Pawl il- Bahar;

5) flimkien ma' persuni ohra ikkommetta serq ta' flus kontanti ta' ammont li jeccedi €2329.37 minn Dad's Service Station, liema serq huwa kkwalifikat bil- vjolenza, bil- mezz, bil- valur li jeccedi €2329.37 u bil- hin ghad- detriment ta' Colin Sant u/ jew persuni ohra;

6) aktar talli fl- istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli liema ammont ta' hsara ma jiskorrix €1,164.69 imma huwa izjed minn €116.47 ghad- dannu ta' Colin Sant u/ jew persuni ohra;

Nhar l- 10 ta’ Ottubru 2011 ghal – habta tal- 10hrs gewwa Triq is- Salib, il- Marsa;

7) flimkien ma’ persuni ohra ikkommetta serq ta’ flus kontanti ta’ ammont li jeccedi €2329.37 minn Paul & Rocco Petrol Station, liema serq huwa kkwalifikat bil- vjolenza, bil- mezz, bil- valur li jeccedi €2329.37 u bil- hin ghad- detriment ta’ George Buhagiar u/ jew persuni ohra;

8) aktar talli fl- istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli liema ammont ta’ hsara ma jiskorrix €1,164.69 imma huwa izjed minn €116.47 ghad- dannu ta’ George Buhagiar u/ jew persuni ohra;

Fil- lejl ta’ bejn is- 16 u s- 17 ta’ Ottubru 2011;

9) gewwa x- Xatt Tas- Sliema, flimkien ma’ persuni ohra ikkommetta serq ta’ vettura tal- ghamla Mazda 323 bin- numru tar- registrazzjoni AAC 361 liema serq huwa kkwalifikat bil- Vjolenza, bil- Mezz , bil- Valur li jeccedi €232.94 bil- Hin u bix- Xorta tal- Haga Misruqa ghad- detriment ta’ Anthony Mifsud u/ jew persuni ohra;

10) aktar talli fl- istess lejl bejn is- 1hrs u s- 2.30hrs gewwa Triq in- Naxxar, Gharghur, flimkien ma’ erpsuni ohra bil- hsieb li jaghmlu delitt ta’ serq minn gewwa VC Service Station, urew dan il- hsieb b’ atti esterni u taw bidu ghall- esekuzjoni tad- delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta taghhom, liema serq, kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil- Vjolenza, bil- Mezz, bil- Hin u bil- Valur li jeccedi l- ammont € 2329.37 ghad- detriment ta’ Keith Chetcuti u/ jew perusni ohra;

11) aktar talli fl- istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli liema ammont ta’ hsara ma jiskorrix €1,164.69 imma huwa izjed minn €116.47 ghad- dannu ta’ Keith Chetcuti u/ jew persuni ohra;

Nhar il- 21 ta’ Ottubru 2011 ghal habta tas- 1.30hrs gewwa Triq Birkirkara, San Giljan;

12) flimkien ma’ persuni ohra ikkommetta serq ta’ flus kontanti ta’ ammont li jeccedi €232.94 izda mhux aktar minn €2329.37 minn Joem Petrol Station, liema serq huwa kkwalifikat bil- vjolenza, bil- mezz, bil- valur u bil- hin ghad- detriment ta’ Manuel Falzon u/ jew persuni ohra;

13) aktar talli fl- istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli liema ammont ta’ hsara ma jiskorrix €1,164.69 imma huwa izjed minn €116.47 ghad- dannu ta’ Manuel Falzon u/ jew persuni ohra;

Nhar is- 27 ta’ Ottubru 2011 ghal habta tas- 1.20hrs gewwa Triq il- Mitjar Luqa;

14) flimkien ma’ persuni ohra ikkommetta serq ta’ flus kontanti ta’ ammont li jeccedi €2329.37 minn Magri Petrol Station, liema serq huwa kkwalifikat bil- vjolenza, bil- mezz, bil- valur li jeccedi €232.94 izda mhux aktar minn € 2329.37 bil- hin ghad- detriment ta’ Joseph Magri u/ jew persuni ohra;

15) aktar talli fl- istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli liema ammont ta’ hsara ma jiskorrix €1,164.69 imma huwa izjed minn €116.47 ghad- dannu ta’ Joseph Magri u/ jew persuni ohra;

Fil- lejl ta’ bejn it- 28 u d- 29 ta’ Ottubru 2011

16) gewwa Triq Santa Liberata, Kalkara, flimkien ma’ persuni ohra kkommetta serq ta’ vettura tal- ghamla Ford Transit bin- numru ta’ registrazzjoni HBD 302 liema serq huwa kkwalifikat bil- Vjolenza, bil- Mezz, bil- Valur li jeccedi €2329.37 bil- Hin u bix- Xorta tal- Haga Misruqa ghad- detriment ta’ Raymond Anastasi;

Matul il- lejl ta’ bejn l- 1 u t- 2 ta’ Novembru 2011;

17) ikkommettew serq ta’ zewg pjanci ta’ registrazzjoni ta’ vettura bin- numru FDL 004 liema serq huwa kkwalifikat bil- Vjolenza, bil- Mezz, bil- Hin u bix- xorta tal- Haga Misruqa ghad- detriment ta’ Sadem Ibrahim Al Hamid u/ jew persuni ohra;

18) u aktar talli ghal habta tal- 3.50hrs gewwa Triq il- Wied, Birkirkara, flimkien ma’ persuni ohra kkommetta serq ta’ diversi ghodda ta’ valur li jeccedi €2329.37 minn Galdes and Mamo, liema serq huwa kkwalifikat bil- Vjolenza, bil- Mezz, bil- Valur li jeccedi €2329.37 u bil- Hin ghad- detriment ta’ Mario Saliba u/ jew persuni ohra;

19) aktar talli fl- istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli liema ammont ta’ hsara ma jiskorrix €1,164.69 imma huwa izjed minn €116.47 ghad- dannu ta’ Mario Saliba u/ jew persuni ohra;

20) u aktar talli fl- istess lejl gha lhabta tal- 4.30hrs gewwa Triq l- Msida, Gzira flimkien ma’ persuni ohra bil- hsieb li jaghmlu delitt ta’ serq minn gewwa Paul and Rocco Petrol Station, urew dan il- hsieb b’ atti esterni u taw bidu ghall- esekuzzjoni tad- delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta taghhom, liema serq, kieku sar kien ikun ikkwalifikatb il- Vjolenza, bil- Mezz, bil- Hin u bil- Valur li jeccedi l- ammont €2329.37 ghad- detriment ta’ George Buhagiar u/ jew persuni ohra;

21) aktar talli fl- istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli liema ammont ta’ hsara ma jiskorrix €1,164.69 imma huwa izjed minn €116.47 ghad- dannu ta’ George Buhagiar u/ jew persuni ohra;

22) u aktar talli fl- istess zmien u cirkostanzi gewwa Wied is- Sewda, Hal- Qormi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli billi haraq vettura tal- ghamla Ford Transit bin- numru ta’ registrazzjoni HBD 302 liema ammont ta’ hsara tiskorri €1,164.69 ghad- dannu ta’ Raymond Anastasi;

23) aktar talli b’ hekk xjentement issoprimew jew b’ xi mod iehor qerdu jew bidlu t- tracci jew l- indizji ta’ reat;

Fil- lejl ta’ bejn l- 10 u l- 11 ta’ Novembru 2011;

24) flimkien ma’ persuni ohra gewwa Triq il- Ponta ta’ Dragut, Sliema, ikkommetta serq ta’ zewg pjanci ta’ registrazzjoni ta’ vettura bin- numru KAA 253 liema serq huwa kkwalifikat bil- vjolenza, bil- mezz, bil- hin u bix- xorta tal- haga misruqa ghad- detriment ta’ Paul Edgar Busuttil u/jew persuni ohra;

25) u aktar talli flimkien ma’ persuni ohra nhar il- 11 ta’ Novembru 2011 bejn 3hrs u s- 1.15hrs minn gewwa Paul & Rocco Petrol Station, Triq is- Salib tal- Marsa, Marsa bil- hsieb li jaghmel delitt ta’ serq, urew dan il- hsieb b’ atti esterni u taw bidu ghall- esekuzzjoni tad- delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta taghhom, liema serq, ieku sar kien ikun ikkwalifikat bil- vjolenza, bil- mezz, bil- hin u bil- valur li jeccedi l- ammont €2329.37 ghad- detriment ta’ Paula Pace u/ jew persuni ohra;

26) u aktar talli fl- istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hasru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehorm mobbli jew immobbli, liema ammont ta’ hsara ma jiskorrix €1164.69 imma huwa izjed minn €116.47 ghad- dannu ta’ Paula Pace u/ jew persuni ohra;

27) aktar talli flimkien ma’ persuni ohra, nhar il- 11 ta’ Novembru 2011 bejn is- 1.45hrs u s- 2.00hrs gewwa Triq l- Mdina, Attard ikkomettew serq ta’ cash register ta’ valur li jeccedi €232.94 minn Michael Attard Petrol Station, liema serq huwa kkwalifikat bil- vjolenza, bil- mezz, bil- valur li jeccedi €232.94 izda mhux aktar minn €2329.37 u bil- hin ghad- detriment ta’ Michael Attard u/ jew persuni ohra;

28) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli liema ammont ta’ hsara ma

jiskorrix €1,164.69 imma huwa izjed minn €116.47 ghad-dannu ta' Michael Attard u/ jew persuni ohra;

29) aktar talli flimkien ma' persuni ohra nhar il- 11 ta' Novembru 2011 ghal habta tat- 3.20hrs minn gewwa Santa Marija Petrol Station, Triq il- Kbira Mellieha, bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq, urew dan il- hsieb b' atti esterni u taw bidu ghall- esekuzzjoni tad- delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill- volonta taghhom, liema serq, kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil- vjolenza, bil- mezz, bil- hin u bil-valur li jeccedi l- ammont €2329.37 ghad- detriment ta' Reuben Farrugia u/ jew persuni ohra;

30) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli liema ammont ta' hsara ma jiskorrix €1,164.69 imma huwa izjed minn €116.47 ghad-dannu ta' Reuben Farrugia u/ jew persuni ohra;

Fil- lejl ta' bejn il- 25 u s- 26 ta' Novembru 2011

31) gewwa Triq Dr. Guze Miceli, Gzira, flimkien ma' persuni ohra kkommettew serq ta' zewg pjanci ta' registrazzjoni ta' vettura bin- numru ABG 096 liema serq huwa kkwalifikat bil- vjolenza, bil- mezz, bil- hin u bix-xorta tal- haga misruqa ghad- detriment ta' Justine Self;

32) u aktar talli fl- istess lejl, f' dawn il- Gzejjer, assocja ruhu flimkien ma' persuni ohra bil- ghan li jaghmlu delitt li ghalih hemm il- piena ta' prigunerija u cioe' d- delitt ta' serq ikkwalifikat bil- vjolenza, bil- mezz, bil- valur li jaqbez l- ammont ta' €2329.94 kif ukoll bil- hin;

33) ukoll talli b' hekk ikkommetta delitt punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn prigunerija sospiza ghal erba' snin moghtija lilu mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D nhar l- 1 ta' Dicembru 2009 liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula;

34) u aktar talli b' diversi atti maghmulin minnu anke jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l- istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, kiser il-kundizzjonijiet tal- liberta provizorja imposta mill- Qorti preseduta mill- Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D fit- 2 ta' Novembru 2010 b' dan li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja u kif ukoll li jirtira gewwa d- dar fejn joqghod mhux izjed tard mis- 1.00hrs u ma johrogx minn hemm qabel is- 6.00hrs tal- ghada filghodu waqt li jkun mehlus mill- arrest u dan taht garanzija personali ta' €5,000 fost il- kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti;

35) aktar talli fl- istess zmien u cirkostanzi ghamel uzu minn numru ta' identifikazzjoniji xort' ohra minn dak moghti mill- Pulizija jew mill- Awtorita' dwar xi vettura bil-mutur partikolari;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni wara li wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9, il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat kien jifforma parti minn klikka ta' persuni li ghamlu sensiela ta' serq minn pompi tal-petrol madwar Malta kollha. Dawn kienu jkunu tnejn jew tlieta min-nies gewwa

vettura, wiehed isuq u t-tnejn l-ohra jisgassaw l-magna awtomatika fejn ikun hemm il-flus, u jaqsmu r-res furtiva bejniethom. L-imputat, wara li nqabad mil-Pulizija, ghen biex jinqabdu u jitressqu l-memberi l-ohra ta’ din il-klikka, u dawn jinsabu ghaddejjin proceduri penali fuq reati simili ghal dawn. Bl-ammissjoni bikrija tal-imputat, din il-Qorti m’ghandhiex triq ohra hlief li ssibu hati u ghalhekk tista’ tghaddi minnufih ghas-sentenza.

L-imputat tressaq quddiem din il-Qorti akkuzat b’serq minn seba’ pompi tal-petrol u hasara volontarja fuq l-istess, b’tentattiv ta’ serq minn erba’ pompi oha, ukoll bil-hsara volontarja, b’serq ta’ zewg vetturi u bil-hruq ta’ wahda minnhom, b’serq ta’ pjanci ta’ tlitt vetturi, b’serq ta’ ghodda, b’assocjazzjoni ma’ terzi biex jikkommettu reat, u b’reati ohra konnessi. Dawn l-akkuzi juru sensiela ta’ serq u reati ohra konnessi li gew imwettqa fuq medda ta’ ftit anqas minn sena, u jifformaw lista tassew formidabbli. Id-dettalji ta’ dawn ir-reati ta’ serq huma kollha spjegati fiz-zewg stqarrijiet li l-imputat irrilaxxja mal-Ufficjal Prosekutur.

Ghalhekk, il-Qorti tista’ tghaddi biex tikkonsidra l-piena. Ir-reat ta’ serq kwalifikat bil-vjolenza – minhabba fin-numru – bil-valur u bil-mezz igib mieghu piena minima ta’ tlittax-il xahar prigunerija, ai termini tal-Artikoli 262(1)(b), 278(3), u 280(2) tal-Kap 9. L-imputat qed iwiegeb ghal xejn anqas minn sitt imputazzjonijiet bhal din, oltre wahda fejn il-valur ma kienx jeccedi l-elfejn  u tlett mitt Ewro, u oltre erba’ tentattivi ta’ serq, u serq iehor. Tenut kont tal-fatt li l-imputat ghen lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom, u ta taghrif iehor fuq terzi li wassal biex dawn tressqu l-Qorti fuq reati ohra, u tenut kont ukoll li l-imputat ghandu sentenza sospiza li ser tidhol fis-sehh, il-Qorti sejra tikkalibra l-piena billi tikkonsidra l-assorbiment tal-pieni u l-konkors formali tar-reati u pieni skond l-Artikolu 17(b) tal-Kap 9.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 262, 263, 267, 270, 325, 271, 41, 111(2), 48A, 28A, 28B u 579 tal-Kap 9 u Artikolu 15 (1A) tal- Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sentejn prigunerija.
Tordna d-dhul fis- sehh tas- sentenza tal- 1 ta’ Dicembru 2009 fejn l-imputat kien ikkundannat ghal sentejn prigunerija;
Ghalhekk b’kollox l-imputat ghandu jservi perijodu ta’ erba’ snin prigunerija effettivi.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghar-revoka tal-helsien mill-arrest moghtija lilu fit-2 ta’ Novembru, 2010, u tat-talba ghall-konfiska tal-ammont moghti bhala garanzija personali;

Tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-esperti mahtura fl-inkjesta, ammontanti ghal €466.76.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------